Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: 25 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.07pm.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 17. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

18.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG il-minuti ġew approvati.

## 18.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

18.3.1 Para 17.3.2 – Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-SE infurmat li l-*electrician* ġej jipprova riflettur il-ġimgħa d-dieħla. Se ninfurmawh li dawn hemm bżonn li jsiru sal-aħħar tas-sena.

**F'dan il-ħin (5.09pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.**

18.3.2 Para 17.4.2 - Riflettur ta' quddiem il-Knisja
Is-SE infurmat li l-kuntrattur ġie infurmat biex jibdel it-tliet (3) rifletturi għal dawl isfar u se jiċċekkja mas-*supplier* jekk jeżistux *spot lights* sofor. Jekk le, se jara x'jista' jagħmel minflok.

18.3.3 Para 17.3.3 - Kwotazzjonijiet - Bandli
Il-fornitur infurmana li l-bandli waslu u se jiġu installati din il-ġimgħa.

18.3.4 Para 17.3.4 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal
Is-Sindku infurma li intbagħtet ittra bl-avukat lil sid il-ħanut u s'issa ma rċevejna l-ebda risposta. Issa ninfurmaw lill-HSBC li bagħtnielu bl-avukat u jekk għandhom bżonn li jiġi bbukjat pulizija biex jassisti l-ħaddiema waqt it-twaħħil tat-tabella, il-Kunsill lest li jħallas l-ispiża,

18.3.5 Para 17.3.6 - Triq Idmejda (Uffiċċju tal-iskejjel tal-Knisja)
Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni biex nintroduċu limitu ta' veloċità ta' 30km/siegħa ġiet approvata minn TM. Is-Sindku qal li daħal suġġeriment biex il-limitu ta' veloċità f'din it-triq isir 20km/siegħa. Se napplikaw ma' TM għal permess. Sadanittant, se nilħqu nagħmlu s-sinjali fl-art ta' 30km/siegħa.

18.3.6 Para 17.3.8 - Bankina fi *Buontempo Estates*
Is-Sindku infurma li x-xogħol sar u għalhekk dan il-każ ġie magħluq.

18.3.7 Para 17.12.2 - *Easipik Parcel Lockers*
Is-Sindku infurma li MaltaPost qed jitolbu li l-Kunsill japplika għall-permess mal-PA biex jiġu installati żewġ (2) *units* faċċata tal-uffiċċju għas-spejjeż tagħna u jekk jinħareġ il-permess jiġu installati. Il-Kunsill iħoss li tali permessi għandhom jinkisbu mill-Maltapost għas-spejjeż tagħhom.

## 18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.4.1.1 Marki li saru fi Triq il-Kbira u Triq San Franġisk
Is-Sindku infurma li kiteb lill-WSC u lill-Enemalta biex nistaqsu dwar numru ta' marki li saru fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira u Triq San Franġisk. S'issa għadna ma rċevejna l-ebda risposta.

18.4.1.2 Dwar ix-xogħol li kellu jsir minn l-Enemalta fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, is-Sindku infurma li s'issa għadhom ma bdewx. Se nitolbuhom biex ix-xogħol isir wara l-festi u biex ix-xogħol ma jsirx fl-istess żmien max-xogħol ta' Triq il-Kbira.

18.4.2 <u>Triq Santa Marija u Triq il-Kbira</u>

Is-Sindku infurma li kiteb lill-IM biex jinfurmhom biex issir Triq Santa Marija, Triq il-Kbira (li kellha ssir u baqgħet qatt ma saret) u biex naraw programm ġdid ta' toroq li hemm bżonn li jsiru. Se ssir laqgħa ma' IM.

18.4.3 <u>Proġett tal-għalqa ta' Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina</u>

Is-Sindku infurma li kellna konferma li dan il-proġett se jsir minn Project Green fit-2026. Is-SE infurmat li ftit tal-ġimgħat ilu bagħtet *reminder* però s'issa m'għandniex tweġiba. Is-Sindku se jikteb lill-Ministru u lis-CEO ta' Project Green biex issir laqgħa biex niddiskutu d-dettalji, issa li ħareġ il-permess tal-PA.

18.4.4 <u>Ġemellaġġ ma' villaġġ fl-Italja</u>

Is-Sindku infurma li kellu xi diskussjoni mal-assistent tas-Sindku ta' villaġġ fl-Italja dwar li potenzjalment isir ġemellaġġ. Is-Sindku se jkompli jsegwi din l-idea biex possibbilment isir ġemellaġġ ma' dan il-villaġġ.

**F'dan il-ħin (5.30pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.37pm.**

## 18.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

18.5.1 Il-Kunsillier MLB staqsiet kif bqajna fuq l-isprall li hemm fi Triq il-Kbira k/m Triq il-Papa Piju XII. Is-SE infurmat li dan għandu bżonn li jiġi rikostruwit. Se nistennew li jsir ix-xogħol fi Triq il-Kbira għax il-marki għaddejjin eżatt minn ħdejh. Sadanittant se nippruvaw nagħmlu tiswija temporanja.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

18.6.1 <u>*Tender for the Collection of Bulky Refuse and WEEE using low emission service vehicle for the Ħal Balzan Local Council* – BLC 04/2025 - Aġġudikazzjoni</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 04/2025. Is-Sindku infurma li waħda mill-offerti ġiet skwalifikata minħabba ksur tar-Regoli Ġenerali li jirregolaw l-offerti. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta konformi ta' Saviour Mifsud u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat.

18.6.2.1 <u>*Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Ħal Balzan* using Environmentally Friendly Products and Practices – BLC 05/2025</u>

Is-Sindku infurma li wara li kien ingħalaq il-proċess, iltqajna mal-kuntrattur li rebaħ it-*tender* biex niftehmu fuq ix-xogħlijiet. Il-kuntrattur fehem li l-prezz li tefa' ta' €11,760 huwa ta' sena, meta fl-offerta hemm indikat li dan hu il-prezz ta' erba' (4) snin sħaħ. Għalhekk, il-kuntratt ma ffirmahx. It-tieni offerta kienet ġiet skwalifikata waqt l-evalwazzjoni għax ma kinitx konformi. Għalhekk dan it-*tender* se jkollu jaqa' u tinħareġ sejħa ġdida.

18.6.2.2 Is-Sindku infurma li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jgħolli l-baġit abbinat ma' dan it-*tender* għax il-prezz medju tal-offerti li rċievejna fiż-żewġ sejħiet kien ferm għola mill-baġit tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiġi aġġustat il-baġit għal €48,000 (għal erba' snin) (VAT eskluż). Dan l-ammont huwa l-medju tal-offerti li rċievejna fiż-żewġ offerti.

## 18.7 Skemi Finanzjarji

18.7.1 <u>Skema ta' Għajnuna fil-Komunità</u>

Is-Sindku infurma li qed ikollna problema biex nagħmlu kuntatt mal-Perit tal-Kunsill biex ninfurmawh biex jipprepara l-istima għar-restawr tal-ġibja u l-għajn tal-ilma li hemm fil-Pjazza. L-applikazzjoni hija waħda teknika u peress li ma tantx fadal żmien biex nissottomettu l-applikazzjoni, kien hemm qbil li jekk ma jirnexxilniex inkellmu l-Perit, napplikaw għal attività relatata ma' Jum Ħal Balzan tas-sena d-dieħla (Lejla Kulturali Balzanija). B'hekk ma nitilfux l-opportunità tal-fondi disponibbli.

## 18.8 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

18.8.1 <u>Attività għal żmien il-Milied – Il-Ħadd 28 ta' Diċembru 2025</u>

Is-Sindku infurma li l-attività tat-tfal se ssir fit-28 ta' Diċembru 2025, għax se jkun hemm diversi attivitajiet oħra għat-tfal fil-21 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill qabel.

18.8.2 <u>Tiżjin għal żmien il-Milied</u>
Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk hux se jiżdied dwal tal-Milied fil-biċċa ta' fuq ta' Triq il-Kbira. Kien hemm diskussjoni u l-Kunsill ma qabilx li jneħħi dwal min-naħa, biex iżid f'naħa oħra. Id-dawl ilu jintrema b'dan il-mod għal snin sħaħ u l-ispiża hija sal-massimu tal-baġit.

18.8.3 <u>*Christmas Market*</u>
Il-Każin tal-Banda San Gabriel qed jitolbu għajnuna finanzjarja biex jiġi organizzat *Christmas Market* fl-20 u l-21 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill qed jalloka baġit ta' €500 li se tiġi ffinanzjata mill-iSkema Finanzjarja tar-Reġjun Tramuntana.

18.8.4 <u>*Mulled Wine* fuq iz-Zuntier</u>
Il-Viċi Sindku infurma li fil-21 ta' Diċembru 2025, li xi għaqda taż-żgħażagħ jixtiequ jagħmlu *Mulled Wine* fuq iz-zuntier tal-Knisja u qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill. Se nitolbuhom jibgħatulna talba formali. Il-Kunsill qed jalloka baġit ta' €100 li se tiġi ffinanzjata mill-iSkema Finanzjarja tar-Reġjun Tramuntana.

## 18.9 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

18.9.1 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Il-Kunsill approva kwotazzjoni li tammonta €300 (VAT eskluż) biex isir il-pedament għall-pedestall. Ġiet approvata wkoll il-kwotazzjoni ta' Max Sammut li tammonta għal €1,175 biex isir il-pedestall.

18.9.2 Is-SE infurmat li kitbet lill-iskultur biex tinfurmah bir-rekwiżiti mitluba biex inkunu nistgħu napplikaw għall-permess mal-PA. S'issa għadna qed nistennew risposta.

## 18.10 Permessi ta' Parkeġġ

18.10.1 Is-Sindku infurma li rċivejna suġġeriment biex ikun hemm ġestjoni ta' kemm jista' jkollok permessi fl-istess żona maħruġin f'daqqa. Is-Sindku qal li San Ġiljan joperaw xi ħaġa simili u se jkun qed ikellem lis-Sindku biex naraw kif iħaddmuha.

18.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u irrimarka li din diffiċli biex taħdem u kien hemm qbil li ma tiġix implimentata.

## 18.11 *iBINS* u l-kontenituri tal-ħwejjeġ f'Wesgħa Profs. Ġużè Aquilina

18.11.1 Is-Sindku irrefera għall-problema kontinwa ta' rimi ta' skart illegali madwar il-kontenituri tal-*iBINS* u tal-ħwejjeġ. Ġie rrimarkat li l-Kunsill mhux obbligat bil-liġi li jkollu kontenituri tal-ħwejjeġ.

18.11.2 Dwar l-*iBINS,* is-SE infurmat li kitbet lill-GreenPak biex ineħħu l-kontenituri żejda li hemm u jħallu biss żewġ (2) settijiet, kif obbligati bil-liġi. Għalkemm intbagħtu diversi *reminders*, ġejna injorati kompletament għax lanqas *acknowledgement* ma rċivejna. Kien hemm qbil li nieħdu parir legali. Deċiżjoni fuq il-kontenituri tal-ħwejjeġ se tittieħed aktar il'quddiem wara li tiġi riżolta l-kwistjoni tal-*iBINS*.

## 18.12 *Speeding* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

18.12.1 Is-SE infurmat li r-resident oġġezzjona li ssir *sleeping policeman* quddiem ir-residenza tiegħu k/m Triq il-Kannizzata u għalhekk din mhux se ssir.

18.12.2 Sadanittant, residenta mill-istess triq qed titlob li jsir xi ħaġa biex tiġi ndirizzata l-problema ta' *speeding*. Il-problema hi li kulħadd irid *sleeping policeman* però ħadd ma jrid waħda quddiem ir-residenza tiegħu.

18.12.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw ma' TM jistgħux isiru *sleeping policemen* tal-asfalt, għax dawn ma jagħmlux storbju. Jekk permessibbli, jsiru meta se jsiru x-xogħlijiet fit-triq minn l-Enemalta plc.

## 18.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

18.13.1 <u>Laqgħa tal-Lokalità</u>
Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025 fis-6.00pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsillier AG infurmat li mhux se tkun tista' tattendi.

18.13.2 *Poinsettias Campaign* 2025

Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li bħas-snin preċedenti, jalloka €495 biex jinxtraw poinsettias. Residenti ser ikunu jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

18.13.3.1 Kuntratt tal-knis

Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-laqgħa li saret mal-kuntrattur dwar is-servizz. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll is-SE u l-Kunsillier AG. Is-Sindku qal li l-kuntrattur talab li jkun hemm aġġustament fl-ammont ta' siegħat. Is-Sindku qal li skond il-liġi, il-kuntratt jista' jiżdied bi 12 -il siegħa fil-ġimgħa. Bil-kundizzjoni li:

1. jekk dawn is-siegħat ma jinħadmux, awtomatikament ma jitħallasx tagħhom;
2. il-GPS *tracker* irid jaħdem dejjem (jekk ma jaħdimx, ma jitħallasx); u
3. il-knis irid isir strettament skond l-iskeda.

18.13.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva li jiġi aġġustat il-kuntratt. Se nitolbu l-approvazzjoni tad-Diviżjoni.

18.13.4 Installazzjoni ta' *Sidewalk Libraries*

Fil-Leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien wera nteress li tiġi installata *sidewalk library* fil-*playing field* mill-Aġenzija tal-Litteriżmu. Il-Kunsillier AG se tkun il-persuna responsabbli mill-monitoraġġ tagħha. Kien hemm qbil li tiġi installata fl-entratura tal-*playing field* b'mod li tkun tista' tiġi sorveljata bis-*CCTV cameras*.

18.13.5.1 Bozza fi Triq San Franġisk k/m Triq San Gabriel

Il-Kunsill irrapporta mal-Enemalta plc bozza fuq arblu li qed tixgħel u titfi. Meta marru fuq il-post biex jirranġawha, ma setgħux jaħdmu għax hemm siġra privata li qed tgħatti l-bozza. Apparti minn hekk, il-friegħi qed jidħlu fil-*wires*. Enemalta plc talbu lill-Kunsill biex ninfurmaw lill-sid jitrimmjaha, ħalli jkunu jistgħu isewwu l-ħsara.

18.13.5.2 Ir-resident qed jissuġġerixxi li tersaq il-bozza għax skond hu, is-siġra kienet hemm qabel il-bozza. Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax li tersaq il-bozza. Se ninsistu mar-residenta biex jitrimmja s-siġra b'tali mod li ma' tgħattix il-bozza u l-friegħi ma jmissux mal-wires.

18.13.6 Sqaq Nru. 1 Triq il-Providenza

Residenta qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tpoġġi numru ta' *planters* fl-isqaq. Dawn il-*planters* se tkun qed tieħu ħsiebhom hi. Il-Kunsill approva din it-talba u jirringrazzja lir-residenta ta' din l-inizzjattiva.

18.13.7 *Residential Timed Parking* f'Wied Ħal Balzan

Aġent tal-proprjetà li għandhom l-uffiċċju f'Wied Ħal Balzan qed jitolbu permess biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jipparkjaw fiż-żona tat-*timed parking*. Din it-talba ma ġietx approvata.

18.13.8.1 Triq il-Kbira k/m Triq il-Papa Piju XII, Birkirkara

L-iżviluppatur tal-binja nru. 272, qed jipproponi li jinstallaw rampa baxxa fuq il-bankina (skond l-istandards tas-CRPD dwar aċċessibilità minħabba ħanut ġdid (*hairdressing and wellness*) li se jiftaħ. Qed jissuġġerixxu wkoll li jiġi nstallat poġġaman tul il-faċċata.

18.13.8.2 Qed jitolbu wkoll li ssir *un/loading bay* eżatt quddiem il-binja.

18.13.9 Żvilupp tal-*Ex-Dolphin Centre*

Is-Sindku għamel referenza għal rapporti li dehru fuq il-midja dwar dan is-sit għall-fatt l-appell (*re-zoning*) ġie mirbuħ mill-iżviluppatur u milli jidher issa se japplika għall-permess ta' żvilupp biex jinbnew appartamenti u ħwienet. Il-Kunsill se jkun qed isegwi, ħalli kif tidħol l-applikazzjoni tal-PA, għal darb'oħra tiġi sottomessa oġġezzjoni għall-iżvilupp.

## 18.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

18.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/25, li tinkludi l-ammont ta' €65.29c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2025.

18.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 18.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.06pm.

18.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |